32005D0002 (01)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPOL KINSHASA/2/2005

tat-22 ta' Novembru 2005

li testendi l-mandat tal-Kap ta' Missjoni tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-UE f'Kinshasa (DRC), EUPOL Kinshasa

(2005/921/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 25(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/847/PESK tad-9 ta' Diċembru 2004 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (DRC) fir-rigward ta' l-Unità tal-Pulizija Integrata (EUPOL "KINSHASA") [1] u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 8 tagħha,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2004, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà adotta d-Deċiżjoni EUPOL KINSHASA 1/2004 [2] li taħtar lis-Sur Adilio Custódio bħala Kap ta' Missjoni ta' l-EUPOL KINSHASA.

(2) Id-Deċiżjoni msemmija aktar 'il fuq tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2005.

(3) Fis-7 ta' Novembru 2005 il-Kunsill qabel li jestendi l-EUPOL "KINSHASA" għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar.

(4) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Adilio Custódio bħala Kap tal-Missjoni ta' l-EUPOL "KINSHASA" sat-tmiem tal-Missjoni.

(5) Il-mandat tal-Kap ta' Missjoni ta' l-EUPOL "KINSHASA" għandu għalhekk jiġi estiż sat-tmiem tal-Missjoni.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Adilio Custódio bħala Kap ta' Missjoni ta' l-EUPOL "KINSHASA" huwa b'dan estiż sat-tmiem tal-Missjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sat-tmien tal-Missjoni EUPOL "KINSHASA".

Magħmula fi Brussel, nhar it-22 ta' Novembru 2005.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

J. KING

---

[1] ĠU L 367, 14.12.2004, p. 30.

[2] ĠU L 396, 31.12.2004, p. 61.